MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 82

It-Tnejn, 19 ta' Frar, 2018

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti tal-kamra sabiex tiġi osservata minuta silenzju bħala rispett għall-mewt ta' missier il-kunsillier Jason Mangani. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

82.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

82.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 81 (wieħed u tmenin) li saret fid-19 ta' Frar, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### Korrezzjonijiet

82.2.1.1 - Jitneħħew in-numri 81.2.2 u 81.2.2.1

82.2.1.2 - Minuta 81.3.1 - Titneħħa l-kelma "Dakutros" u tiżdied il-kelma "Dacoutros"
Titneħħa l-kelma "prreżenta" u tiżdied il-kelma "ppreżenta"

## 82.2.2 Punti mqajma mill-minuti

82.2.2.1 Minuta 81.2.2.1 – Is-Sindku informa lill-membri li kellem lil Fr. Louis Mallia sabiex iġib il-kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex inkunu f'pożizzjoni li napplikaw meta toħroġ l-iskema għal restawr.

82.2.2.2 Minuta 81.2.2.2 – Is-Sindku informa lill-membri li għadu qed jistenna li ssir il-*Letter of Acceptance* lil Linda Renda Tekne.

82.2.2.3 Minuta 81.2.2.3 – Is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa fil-bini ta' Transport Malta mas-Sur Silvio Scerri u s-Sur Tommy Debono minn Transport Malta kif ukoll l-Assistent Kummissarju Martin Sammut, mas-Supretendent tal-Pulizija Carmel Bartolo, kif ukoll l-Ispettur Elliot Magro. Baqgħu isostnu li ma nistgħux inwaqqfu li l-*containers* milli jħottu l-merkanzija f'dawk it-toroq. Għaldaqstant qed jipproponu li ssir *Loading/Unloading Bay* bil-ħin fit-tarf ta' Triq il-Brunżar bil-ħinijiet proposti jkunu mit-8.30am sa 12.00pm kif ukoll mill-4.00pm sas-6.00pm kif ukoll li tinqaleb il-via tat-traffiku, jiġifieri minn nofs Triq il-Brunzar tiġi *One Way.* Is-Sindku rrimarka li rreżista din il-proposta u sostna li għandu jsir studju sew tal-akwata bil-ħinijiet għandhom jibqgħu jkunu mit-8.30am sal-11.00am u se mai il-Loading / Unloading Bay issir quddiem l-imħażen tagħhom.

Fis-18.50 wasal is-Sur Jonathan Brimmer, u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.
Fis-18.55 wasal is-Sur Darren Carabott, u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

Is-Sindku ppropona li għandna nistennew is-suġġerimenti, u nirribattu l-proposti li ma jaqbilx magħhom il-Kunsill filwaqt li l-Kunsill jipproponi l-proposti tiegħu. Wara ssir laqgħa pubblika fejn jiġu mistiedna wkoll ir-rappreżentanti tal-Pulizija kif ukoll ta' *Transport Malta.*

Il-membri qablu unanimament.

82.2.2.4 Minuta 81.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna kommunikazzjoni mis-CRPD fejn infurmawna li s-Sinjura Ruth Brignone mhux ser tiġi rilaxxata mill-impieg tagħha minn mas-CRPD qabel jinstab *replacement* tagħha. Sadanittant is-Sindku talab għal kwotazzjonijiet sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-*cabinets* u *desk* kif ukoll *computers* ġodda.

Il-membri qablu unanimament.

82.2.2.5 Minuta 81.4.1 - Is-Sindku informa lill-membri li l-quiz li kellu jorganizza l-Kumitat tal-100 sena parroċċa ġie pospost għal darb'oħra minħabba l-eżamijiet tal-istudenti.

82.2.2.6 Minuta 81.4.2 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Karnival f'Santa Venera sar kif kien ippjanat. L-attendenza ma kienetx dik mixtieqa.

82.2.2.7 Minuta 81.4.3 - Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Alfred Mizzi ser iġib 2 kwotazzjonijiet oħra għal *projector* u *screen.*

82.2.2.8 Minuta 81.4.4 - Is-Sindku informa lill-membri li l-materjal li ser jintuża għall- *Earth Day Clean-Up* inxtara. Iż-żona li ġiet identifikata sabiex titnaddaf hija Triq il-Kanun fejn tagħlaq.

82.2.2.9 Minuta 81.5.2 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ser ikun l-ewwel Kunsill li se jagħmel proġett bħal dan. Ser jittieħed parir ta' persuna tekniku għaliex hemm l-għażla li d-dawl jiġi ġenerat minn pannelli tax-xemx jew inkella ssir applikazzjoni għal *metre* tad-dawl għal kull *CCTV.* Ser tiġi kunsidrata wkoll il-possibbiltà li jitwaħħlu mad-dwal tat-toroq b'sistema ta' *sub metres.* Din ser tkun ikkordinata mill-Procurement Manager.

## 82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

82.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna talba mingħand il-Bank Ċentrali ta' Malta sabiex issir laqgħa ta' informazzjoni kif wieħed jagħraf il-flus foloz. Din il-laqgħa tieħu madwar 45 minuta. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir nhar l-Erbgħa 14 ta' Marżu, 2018 u jsir riklamar fuq in-*noticeboards* kif ukoll fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

82.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Gvern Ċentrali reġa għal darb'oħra żied l-allokazzzjoni finanzjarja lill-Kunsill b' €50,288. L-allokazzjoni minn €397,034 issa saret €447,322.

82.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li, Dr. Joseph Axiaq, talab ir-riżenja tiegħu minn *Chairperson* tal-Kumitat tal-Għażla Ġieħ u Mertu Santa Venera. Dan minħabba impenji ta' xogħol. Is-Sindku qara l-ittra li bagħat Dr. Joseph Axiaq u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibgħat ittra ta' ringrazzjament lil Dr. Joseph Axiaq.

Il-membri qablu unanimament.

82.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li intalbu 3 kwotazzjonijiet sabiex isir knis fil-lokalita' ta' Santa Venera għal perjodu ta' 3 xhur. Il-Kunsill irċieva 2 kwotazzjonijiet, waħda mingħand Progressive Solutions ta' €14,160 għal 3 xhur u oħra mingħand Elton John Zammit Cleaning Services ta' €1,458.33 fix-xahar. Il-Kunsill qabel li l-għażla għandha taqa' fuq Elton John Zammit Cleaning Services. Ix-xogħol jibda' fl-1 ta' Marzu, 2018.

Il-membri qablu unanimament.

82.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li inġiebu 3 kwotazzjonijiet sabiex jinxtara materjal mingħand *Ironmonger* sabiex isir xogħol fil-parti ta' fejn hemm is-sienja ġewwa l-Ġnien Romeo Romano.

Fit-8.00pm, is-Sur Jason Mangani, is-Sa Elizabeth Vella kif ukoll Is-Sur Horace Anastasi ġew skużati għall-kumplament tal-laqgħa.

MFelectrix - €1,454.20
Kenneth Hardware Store - €559.34
A.P.E. Centre Limited - €559.00 (wara li tnaqqas minn €607.78)
The Wholesaler - €390.27 (kwotazzjoni mingħajr spotlights)

Ittieħed vot sabiex ix-xogħol jinxtara mingħand Kenneth Hardware Store u għaddiet bi 3 voti favur u astenzjoni 1.

82.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li inġiebu 3 kwotazzjonijiet sabiex jinxtara *grinder* sabiex jintuża mill-Ħaddiema Assenjati.

The Tool Shop - €690.00
Ralph Industrial Supplies - €370.00
Pawlu tar-Rabat - €150.00

Il-membri qablu unanimament li jinxtara l-*grinder* mingħand Pawlu tar-Rabat.

82.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li Johnny Borg u Leo Abela kellhom bżonn *safety shoes* ġdid. Is-*Safety Shoes* ta' Johnny Borg jiswa €56, filwaqt li ta' Leo Abela jiswa €65. Dan għaliex Leo Abela huwa *flat footed.*

Il-membri qablu li dawn għandhom jinxtraw.

## 82.4 *Rapporti/Korrispondenza*

82.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna ċirkolari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn bagħtu sejħa lil-Kunsilli interessati li japplikaw għall-proġett tal-UE WiFi4EU.

a. L-iskop ta' dan il-proġett huwa li jitwassal il-WIFI f'postijiet daqsxejn (u mhux ħafna) remoti.
b. L-UE se tkun qed tħallas għall-*capital cost* biex jitwassal il-wifi imbghad ikun sta għall-kunsill biex iħallas l-ispejjeż rikorenti għall-minimu ta' tlett snin
c. Jistgħu japplikaw il-Kunsilli Lokali
d. Jingħata sa massimu ta' €15,000

Is-Sindku u l-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għal dan il-proġett u l-WiFi ikun ikopri Ġnien Romeo Romano, Pjazza Franka, San Ġorġ Preca Playing Field, u Ġnien Ġużè Flores kif ukoll Triq il-Kbira San Ġużepp.

Il-membri qablu unanimament.

82.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li Cutajar Upholstery Supplies talbu biex jinbidel il-ħin li hemm fuq il-*loading/unloading sign* li hemm fil-viċin. Huma qed jissuġġerixxu li l-ħinijiet isiru mit-8.30am sas-1.00pm u mit-3.00pm sas-6.30pm, mit-Tnejn sas-Sibt filgħodu.

Il-membri qablu unanimament li jiżdied biss il-ħin tas-Sibt mit-8.30am san-12.30pm. Biex isir dan trid tiġi notifikata TM.

82.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna ittra mingħand is-*Malta Society of the Blind* fejn qalulna li huma ġejjin u sejrin fl-uffiċċju. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li r-*Reserved Parking* jiġi estiż għas-Sibt filgħodu wkoll. Biex isir dan trid tiġi notifikata TM.

Il-membri qablu unanimament.

82.4.4 Is-Sindku informa lill-Membri li għal darb'oħra ser isiru l-korsijiet tal-Lifelong Learning u li għandna napplikaw biex isir Kors *English as a Foreign Language.* Is-Sindku ppropona li kemm jista' jkun nibqgħu mal-ħinijiet li jkun miftuħ l-uffiċċju tal-Kunsill.

Il-membri qablu unanimament.

82.4.5 Is-Sindku informa lill-membri li irċevejna ittre mingħand is-Sur Saviour Sammut, il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Santa Venera fejn talab li jingħataw reċipjenti kbar, 3 tal-karti u 3 tal-plastik. Dan sabiex it-tfal jitrawmu jirreċiklaw minn ċkunithom. Is-Sindku ppropona li nġibu kwotazzjoni għal 6 kontenituri mingħand il-GreenPak.

Is-Sur Sammut qed jitlob ukoll li jingħataw bandiera ta' Santa Venera sabiex it-tfal irawmu fihom sens ta' identita'.

Il-membri qablu unanimament.

82.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna *feedback* mingħand il-*Contracts Manager* Raphael Carabott rigward ilment Numru 681 (tat-2017) fejn kien hemm talba biex issir *Motorcycle Bay* fi Triq Emmanuel Attard, Santa Venera quddiem Numru 26 "Evarist". Il-

*Contracts Manager* ikkummenta li biex issir *Motorcycle Bay* trid titnaqqas *Parking Bay.* Is-Sindku ppropona li niktbu Transport Malta għall-parir tagħhom.

Il-membri qablu unanimament.

## 82.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

82.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li ż-żewġ tenders , kemm tal-*Street Lighting* kif ukoll tas-Servizz ta' Perit, intefgħet offerta waħda. Għaldaqstant, ġie rakkomandat li jinħatar Bord tal-Aġġudikazzjoni li jkun magħmul minn 3 professjonisti skont ir-Regolamenti Finanzjarji ġodda. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li jinħatru l-Avukat, l-Accountant kif ukoll il-*Contracts Manager.* Dan ix-xogħol isir bi ħlas *extra* u ġiet proposta €50 għal kull sessjoni.

Il-membri qablu unanimament.

## 82.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati.

## 82.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

82.7.1 L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 82.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 14 sa 38.

| | |
|---|---|
| 14 | Ħaddiema Assenjati |
| 15 | Ħaddiema Assenjati |
| 16 | Contracts Manager |
| 17 | Transport Malta |
| 18 | Konferma minn sid il-garaxx u wara applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 19 | Konferma minn sid il-garaxx u wara applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 20 | Perit |
| 21 | Ħaddiema Assenjati |
| 22 | Ħaddiema Assenjati |
| 23 | Ser isir skont il-proġett il-ġdid |

| | |
|---|---|
| 24 | Rifjutata |
| 25 | Konferma mis-sid tal-garaxx u wara applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 26 | Ħaddiema Assenjati |
| 27 | Transport Malta |
| 28 | B. Grima & Sons |
| 29 | B. Grima & Sons |
| 30 | Tintbagħat Site Plan lil Transport Malta |
| 31 | Ħaddiema Assenjti |
| 32 | Issir bi spejjeż għas-sid |
| 33 | Transport Malta |
| 34 | Ġardinar |
| 35 | B. Grima & Sons |
| 36 | Ħaddiema Assenjati |
| 37 | Ħaddiema Assenjati |
| 38 | Nindagaw fejn eżatt peress li diġa hemm approvazzjoni għal waħda |

## 82.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għat-26 ta' Marzu, 2018, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Marzu, 2018

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATI

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv